**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 592/96 AJM

Kawza numru

Costantino Muscat f'ismu proprio u bhala prokuratur ta' l-assenti Joseph Muscat; Giovanna Mizzi, Mose' Muscat, Rosario Muscat, Maria Dolores Camilleri, Carmel Muscat, Emanuel Muscat, Costantina sive Connie Cassar, Maria Carmela Muscat, Peter Muscat, Salvina Farrugia, Salvu Muscat u Carmelo Muscat u b'nota tat-13 ta' Novembru 1996 Publius, Michelangelo, Mario u Joseph ahwa Farrugia assumew l-atti bhala eredi tal-mejta ommhom Salvina Farrugia u b'digriet tat-30 ta' Lulju 1997 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Marguerite Vella, Jose Muscat, Angela Mallia, Rose Buhagiar u Carmel Muscat konsegwenti l-mewt ta' missierhom Carmel Muscat; u b'digrie t tal-15 ta' Gunju 1998 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Marguerite Vella f'isimha proprju u bhala prokuratrici ta' l-assenti Carmen Zerafa, Jose Muscat, Angela Mallia, Rose Buhagiar, Carmel Muscat, Teresa Muscat u Grace Saliba f'isimha proprju u bhala prokuratrici tal-assenti Concetta sive Connie Carr u b'digriet tat-13 ta' Novembru 2000 l-atti tal-kawza ghaddew mill-persuna ta' l-atturi ghal persuna ta'John Muscat, Frances Bianchi,

Carmen Muscat, Antonia Muscat, Catherine Muscat, Joseph Muscat, Josephine Schembri, Emanuela Schembri, u Rita Theuma.

Vs

Nazzareno sive Reno u Anna konjugi Muscat u b'digriet tas-16 ta' Gunju 1999 ir-Registratur tal-Artijiet gie imsejjah fil-kawza.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-22 ta' Frar 1996 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi huma koproprjetarji pro indiviso, flimkien mal-konvenuti, ta' proprjeta' kemm immobiljari kemm mobiljari provenjenti lilhom mill-wirt ta' G'nni u Angela konjugi Muscat, u mill-wirt ta' Giuseppa, Vittorio u Emanuele ahwa Muscat; illi l-proprjeta' immobiljari tikkonsisti fis-segwenti:- (a) razzett u gardina maghrufa Ta' Zitellu f'Curved Street, gja triq tal-Macina, kontrada tan-Nigret, Zurrieq; (b) fond numru 51, Mill Street Zurrieq; (c) fond numru 13, Nigret Junction, kantuniera ma Mill Street, Zurrieq; (d) ghalqa f'Santa Marija Bubaqra; illi kull wiehed mill-istanti bhala koproprjetarji tal-imsemmija proprjeta ghandu d-dritt li jinqeda bl-istess proprjeta'; illi l-konvenut qed jippretendu pussess esklussiv ta' din il-proprjeta' ad eskluzjoni ta' l-istanti u issa qed jivvantaw ukoll pretensjonijiet li huma proprjetarji unici tal-imsemmija proprjeta' immobiljari; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddecidi u tiddikjara illi l-atturi huma koproprejtarji pro indivizo tal-proprjeta' immobiljari u konsegwentement kull wiehed minnhom ghandu d-dritt li jinqeda bl-istess proprjeta;

2. illi l-konvenuti jigu kkundannati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, jikkonsenjaw lill-atturi kopja tac-cavetta/muftieh ta' kull fond fuq imsemmi b'mod li kull wiehed mill-atturi jkollu access liberu ghall-istess fond.

l-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Gunju 1995 u tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Settembru 1995, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenuti Muscat presentata fl-20 ta' Settembru 1996 li permezz taghha eccepew illi:-

1. Illi l-attur nomine qieghed jagixxi in forza ta' prokura illi giet moghtija lilu, illi llum huma mejtin u illi l-werrieta ta' dawn il-mandatarji m'ghandhomx interess li jaghmlu din il-kawza.
2. Illi l-konvenuti qatt ma ghamlu oggezzjoni sabiex jikkonsenjaw kopja tac-cwievet tal-fondi imsemmija fil-paragrafi (b), (c) u (d) tac-citazzjoni.
3. Illi t-testmenti li jirregolaw is-successjoni illi permezz taghha dawn il-proprjetajiet gew fil-pussess tal-attur pro et noe u l-konvenuti jekk jittiehdu fil-kuntest tac-cirkostanzi taghhom u jinstemghu x-xhieda opportuni, jigi zvelat illi l-konvenuti ghandhom ikunu l-proprjetarji assoluti tal-fond imsemmi fil-paragrafu (a) tac-citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-konvenuti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-24 ta' Jannar 2001 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-2 ta' Mejju 1997 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Gunju 1999 meta l-Qorti laqghet it-talba tal-atturi sabiex jissejjah fil-kawza r-Registratur tal-Artijiet.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 2000 meta l-appell tal-konvenuti mid-digriet fuq imsemmi gie michud – spejjes riservati ghall-guedizzju finali.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Artijiet li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi dwar il-mertu huwa jirrileva li l-presenza tieghu fil-kawza odjerna hija necessarja biss ghall-iskop tal-eventwali esegwibilita' tal-gudizzju ta' din l-Qorti ai termini tal-artikolu 51(5) tal-Kap 296 fir-rigward tac-certifikat ta' Titolu mahrug fuq il-proprjeta' msemmija fic-citazzjoni.
2. Illi ghaldaqstant huwa jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba u ghad-decizjoni ta' din l-Qorti ghar-rigward tat-talbiet.
3. Illi fi kwalunkwe kaz pero' l-esponent m'ghandux ibati spejjes.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-kjamat in kawza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

F'din l-azzjoni li hi bazata fuq l-artikolu 491 tal-Kodici Civili li jaghti lill-komproprjetarji il-jedd li jinqdew bi hwejjeg in komun entro il-limiti stabbiliti, jidher li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti li tezisti certa komunjanza ta' interessi f'diversi proprjetajiet immobbli gejjin mill-assijiet ereditarji tal-konjugi Ganni u Angela Muscat li mietu rispettivament fil-11 ta' Awissu 1961 u fis-17 ta' Marzu 1974. Infatti hemm qbil li tlieta mill-erba' proprjetajiet imsemmija mill-atturi fl-att tac-citazzjoni huma ta' proprjeta' komuni bejn il-kontendenti u l-konvenuti t-tnejn xhedu li huma kienu offrew ic-cwievet tal-imsemmija fondi lill-atturi sabiex dawn jaghmlu uzu minnhom kif triq il-ligi. Izda, jghidu l-konvenuti li din l-offerta taghhom ma gietx accettat mill-atturi billi ma hemmx qbil rigward l-ewwel fond imsemmi fic-citazzjoni u cioe il-fond "Razzett u giardina maghrufa ta' Zitellu f'Curved Street, (ossia Triq l-Imdawra) gja triq tal-Macina, kuntrada tan-Nigret, Zurrieq."

Dan premess jigi rilevat li fir-rigward ta' dan il-fond hemm qbil bejn il-kontendenti li dan gej mill-assi ereditarju tal-mejtin Ganni u Angela konjugi Muscat. Infatti dan il-fond jifforma parti minn prelegat imholli mit-testaturi Ganni u Angela Muscat lit-tlieta minn uliedhom u cioe Vittoria, Emanuele u Giseppa, in forza tal-artikolu "Ir-Raba" tat-testment tal-imsemmija konjugi Muscat tas-17 ta' Jannar 1957 fl-atti tan-Nutar Nicola Said.

Pero' filwaqt li l-atturi jsostnu li huma ghad ghandhom interess f'parti indivza ta' dan il-fond, inkwantu wirtu "ab intestato" sehem indiviz mis-sehem ta' Giuzeppa Muscat li mietet fil-11 ta' April, 1974, il-konvenuti qed isostnu li huma proprjetarji assoluti tal-fond imsemmi billi d-disposizzjoni testamentarja fuq riferita ghandha l-effetti ta' disposizzjoni kumulattiva b'mod li l-premort jitlef id-dritt ghall-sehmu a

favur tal-legatarji l-ohra. U billi Guseppa Muscat mietet qabel huta s-subien, u b'hekk, skond il-konvenuti kien hemm l-akkrexximent ta'sehemha mill-imsemmi fond favur hutha Victor u Manuel, il-konvenut illum ghandhom l-proprjeta' kollha tal-fond imsemmi fil-vesti taghhom bhala eredi tal-mejtin Victor u Emanuel ahwa Muscat in forza ta' zewg testmenti Dok B u Dok C fl-atti tan-Nutar Dr. Remigio Zammit Pace.

L-artikolu in kwistjoni tat-testment tal-konjugi Ganni u Angela Muscat jghid espressament hekk:-

"*It-testaturi Giovanni u Angela mizzewgin Muscat jhallu b'titolu ta' prelegat ghal wara l-mewt taghhom it-tnejn, lit-tliet uliedhom li ghandhom ma izzewgux u kemm'l darba ma jkunux mizzewga fil-gurnata tal-mewt tat-testatur superstiti, li jisimhom Vittorio, Emmanuele u Giuseppa ahwa Muscat ir-razzett b'giardina mieghu li jinsab fil-limiti taz-Zurrieq fit-Triq 'Tal Macina' kontrada tan-Nigret u hekk ukoll imsejjha sive 'Taz-Zitellu' bhala liberu u frank minn kwalunkwe piz, u dana f'porzjonijiet ugwali u bid-dritt tal-akkrexximent bejn l-istess prelegatarji f'kaz ta' mewt jew ta' passagg ghaz-zwieg ta' xi wiehed minnhom qabel il-mewt ta' l-ahhar wiehed fost it-testaturi; ........*"

Qabel xejn ghandu jinghad li hemm qbil bejn il-kontendenti li t-tlett prelegatarji Vittorio, Emmanuele u Giuseppa kienu u baqghu ma izzewgux qabel id-data tal-mewt ta' l-ahhar wiehed mit-testaturi.

Jirrizulta li filwaqt li l-ahhar fost it-testaturi u cioe Angela Muscat mietet fis-17 ta' Marzu 1974, it-tlett prelegatarji mietu wara l-mewt taghha. Infatti Giuseppa mietet fil-11 ta' April 1974, u cioe ftit granet wara ommha, filwaqt li Manwel miet fin-1992 u Victor miet fin-1994.

Minn dan jidher li il-kondizzjonijiet imposti fl-imsemmi laxxitu tat-testaturi Ganni u Angela Muscat sehhew kollha billi fl-ewwel lok it-tlett prelegatarji mietu minghajr ma ikkuntrattaw zwieg, u fit-tieni lok kull wiehed u wahda mill-prelegatarji miet wara l-ahhar wiehed mit-testaturi imsemmija. Ghalhekk mal-mewt ta' Angela Muscat kien hemm id-devoluzzjoni favur l-imsemmija Victor, Manuel u Giseppa ta' terz indiviz kull wiehed u wahda minnhom tal-fond fuq imsemmi. Dan jfisser li mal-mewt ta' Giuseppa Muscat, li mietet intestata, hutha u ulied huta premorti, jekk kien l-kaz, ssubentraw fid-drittijiet taghha, fl-ishma rispettivi taghhom, fuq l-fond fuq imsemmi mertu tal-prelegat. (Art. 721 tal-Kodici Civili).

Il-konvenuti izda qed isostnu li l-mod kif kien formulat l-artikolu Erbgha tat-testment tal-konjugi Ganni u Angela Muscat, u l-fatt li t-testaturi ordnaw l-akkrexximent bejn il-prelegatarji, ghandu jwassal lil din il-Qorti biex tinterpreta l-imsemmi artikolu bhala li fi kwalunkwe kaz ma kull mewt ta' wiehed mill-prelegatarji, sehmu akkrexxa favur l-ohrajn. Dan qed jinghad billi l-interpretazzjoni tal-konvenuti hi fis-sens li t-testaturi riedu li l-fond jghaddi fuq it-tlett prelgatarji u f'kaz ta' premorjenza jew zwieg, l-legatarji rimanenti jkollhom t-totalita' tal-proprjeta.

Issa l-akkrexximent favur ko-legatarji jew werrieta jsehh skond l-artikolu 737 tal-Kaodici Civili, "*meta zewg persuni jew izjed huma istitwiti jew imsejhin flimkien ghall-wirt jew ghal-legat, u xi wahda minnhom* ***tmut qabel it-testatur****, inkella ma tkunx kapaci li tircevi ......*" u b'hekk, jkompli l-istess artikolu "*is-sehem ta' din il-persuna, bl-obbligi u l-pizijiet li jkun hemm mieghu, jizdied ma' dak tal-werrieta jew legatarji l-ohra.*" Hu hu gust li jkun hekk ghax altrimenti, kif qed jissugerixxu l-konvenuti, jigi li t-testaturi jkunu iddisponew mhux biss dwar l-assi

eredtarju taghhom, izda ukoll dwar dak tal-eredi jew legatarji eventwali taghhom u b'dan il-mod jkunu telfu d-dritt tal-eredi ta' dak il-werriet jew legatarju ghas-sehem li jkun jspetta lilu mill-wirt tal-legatarju decess.

Ir-referenza li saret mill-abbli difensur tal-konvenuti ghall-provedimenti ta' l-artikolu 738 tal-Kap 16 hija ghall-kollox irrilevanti inkwantu dan l-artikolu huwa intiz biss sabiex jiddefinixxi il-kliem uzat fl-artikolu precedenti "imhollija werrieta jew legatarji flimkien" billi jghid li dan u konsegwentement l-akkrexximent japplika meta l-istituzzjoni jew il-legat "jiddipendu mill-istess disposizzjoni, u t-testatur ma jkunx qasam is-sehem ta' kull werriet jew legatarju fil-wirt jew fil-haga mhollija legat." Izda dan l-artikolu ma jbiddel xejn mil-kondizzjonijiet imsemmijin fl-artikolu precedenti u senjatament li l-akkrexximent jsehh mal-mewt tal-werriet jew legatarju "qabel it-testatur."

Illi minn dan kollu jidher li l-atturi ghandhom sehem mill-proprjetajiet kollha imsemmija fic-citazzjoni in komun mal-konvenuti u li konsegwentement huma intitolati juzufruwixxu mill-procedimenti tal-artikolu 491 tal-Kodici Civili. Daqstant kull registrazzjoni li saret mill-kjamat in kawza fir-rigward tal-proprjeta fi Triq l-Imdawra, Zurrieq ghandha tigi kancellata billi ma tirrispekkjax il-verita'.

Ghar-rigward tal-kap tal-ispejjes jigi rilevat li l-eccezzjoni f'dan ir-rigward tal-Registratur tal-Artijiet ghandha tigi milqugha billi huwa estranju ghall-kaz u rregistra biss dak li gie rikjest minnu min Nutar Pubbliku. Ghar-rigward tal-konvenuti dawn ghandhom jbatu l-ispejjes kollha tal-kawza billi r-rifjut ta' l-atturi li jaccettaw ic-cwievet tal-fondi l-ohra kien gustifikat stante li dan jidher li kien marbut mal-accettazzjoni da parti tal-istess atturi tal-fatt li l-konvenuti kellhom id-dritt assolut ta'

proprjeta’ tal-fond fi Triq l-Imdawra. Dawn ghandhom ukoll ibatu l-ispejjes tal-appell minnhom interpost wara d-digriet ta’ din il-Qorti li ordna l-kjamat in kawza tar-Registratur tal-Artijiet.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talbiet attrici billi fl-ewwel lok tiddikjara li huma ko-proprjetarji pro indiviso tal-proprjetajiet immobiljari imsemmija fic-citazzjoni u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien tlett gimghat mil-lum jikkonsenjaw lill-atturi c-cavetta/muftieh ta’ kull fond imsemmi fic-citazzjoni sabiex dawn jkollha access liberu ghall-fondi imsemmija.

Bl-ispejjes kollha, inkluzi dawk tal-appell interpost mid-digriet ta’ din il-Qorti fis-16 ta’ Gunju 1999, kontra l-konvenuti.

Onor Imhallef Albert J. Magri